# PROGRAMM

## TAL-FESTI LI SER ISIRU FL' IMQABBA

## F'GIH IL-MADONNA TAL-GILJU



13-16 TA' MEJJU, 1971

★ PROG

# FESTI FIL-KNISJA

**13 TA' MEJJU**

7. 00 p.m. Ghasar, Prietka mill- W. R. Kan. V. Cilia B. A., Lic. D. Litanija u Celebrazzjon Ewkaristika.

**14 TA' MEJJU**

7. 00 a.m. Quddiesa Kantata.
7. 00 p.m. Ghasar, Prietka, Antifona, Litanija Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## LEJLET IL - FESTA

**15 TA' MEJJU**

7. 00 a.m. Quddiesa Kantata.
5. 00 p.m. Ghasar, Antifona, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## JUM IL - FESTA

## IL-HADD 16 TA' MEJJU.

5. 00 a.m. Quddiesa Parrokkjali.
6. 00 a.m. Quddiesa letta bl - Omelija.
7. 00 a.m. Quddiesa letta bl - Omelija.
8. 00 a.m. Kant ta' Lawdi.
8. 30 a.m. Quddiesa Kantata. Wara l Evanġelju il- W. R. Patri Norbert Ellul Vincenti O.F.M., M. A. ( Oxon. ), jinseġ paniġirku ta' tifhir lill - Madonna.
10. 30 a.m. Quddiesa letta bl - Omelija.
11. 30 a.m. Quddiesa letta bl - Omelija.
5. 00 p.m. Ghasar Solenni bil-mużika. Wara toħroġ il-Proċessjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-GILJU.
Wara l-Proċessjoni tinghata l-Barka Sagramentali.

Il-funzjonijiet ta' nhar il-festa jkunu mmexxija mill - Patrijiet Kappuccini tal - Furjana. Il-muzika tkun taht id-direzzjoni tas-Surmast FRANK DIACONO.

IL-PROKURATUR.

VIVA IL - MADO

RAMM ★

# FESTI TA' BARRA

**IS-SIBT 15 TA' MEJJU**

## LEJLET IL-FESTA

| | |
|---|---|
| Fis -7. 15 p.m. | Mixegħela ġenerali. |
| Fit - 8. 00 p.m. | Il-Popolari Banda 'LILY' tferraħ it-toroq ewlenin tar-raħal b'sett ta' marċi u wara tesegwixxi programm mużikali u strumentali fil-pjazza tal-knisja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Ġulio Tanti A. Mus. L. C. M. |
| | Il-Kor Kantate Domino taż - Żurrieq taħt id - direzjoni ta Dun Micheal Damato A. L. C. M., L. R. S. M., jieħu sehem. |
| Fil - 10 00. p.m. | Ħruq ta' murtali tal-kulur. |
| Fil- 11. 00 p.m. | Ħruq ta' logħob tan-nar artistiku maħdum mid - delettanti ta' l-istess socjeta. |

## JUM IL - FESTA

## IL . HADD 16 TA' MEJJU.

| | |
|---|---|
| Fin - 12. 30 p.m. | Il-Magħrufa Banda 'LILY' fost entużjażmu l - aktar kbir tferraħ it-toroq prinċipali tar-raħal b'sett ta' marċi br.jjużi. |
| Fil - 5. 00 p.m. | Il- Banda San Ġusepp Tal - Ħamrun tagħmel marċ minn triq il - Parroċċa sal-Pjazza tal - Knisja fejn wara tesegwixxi programm mużikali. Mal - ħruġ ta' l - istatwa titkanta **L - AVE MARIA** u hekk kif tasal quddiem il - każin il - kor 'Kantate Domino jkanta innu lill - Madonna tal-Ġilju. |

Waqt il - processjoni jkun hemm Kaxxa nfernali, musketterija u murtali tal-kulur.

**IL-KUMITAT.**

NNA TAL - GILJU

# Innu
# lill-Madonna tal-Ġilju

Fost il-ward tal-ġonna mfewha
kollu gmiel il-Gilju jfuh;
F' dik il-bjuda, f' dik is-safa
Toghxa l-qalb flimkien mar-ruh.

*(Rit.) O Marija, Sbejha, safja*
*Daqs il-gilju tal-widien,*
*Warrab minna l-icken tebgha,*
*Lilek naghtu gieh flimkien.*

Int bhall-kwiekeb kollha dija,
Int fil-gmiel tghaddiha x-xemx,
Fost il-hlejjaq ta' l-imwieled.
Isbah minnek le ma hemmx!

*(Rit.) O Marija, Sbejha, safja.*

Lilek ghazlek sa minn dejjem,
Fost kullhadd biex tal-feddej,
Tkun l-Omm helwa, gmiel ta' bjuda,
Dar li tixraq lill-Mulej.

*(Rit.) O Marija, Sbejha, safja.*

Int wrejt kemm thobb is-safa
Meta l-Anglu tak is-sliem
Il-Mulej gholliek fil-kobor
X' hin tal-fidwa ghedt il-kliem:

*(Rit.) O Marija, Sbejha, Safja.*

U bqajt sbejha, bqajt nadifa,
Wahdek, wahdek fost kullhadd,
Mal-gmiel tieghek zdied il-ghageb
Li fid-dinja ma deher qatt!

*(Rit.) O Marija, Sbejha, Safja.*

**DUN FRANS CAMMILLERI.**

"TULIP PRESS" Corradino Rd., Pawla.